MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 331/2010

**A B C ammessa ghall-beneficcju ta’ l-Ghajnuna Legali (Dok. “A”)**

**-vs-**

**Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi li b’digriet tad-19 ta’ Novembru 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E F G H I**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fil-hmistax ta’ April tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (15/04/1997), l-esponenti ghaddiet minn forma ta’ zwieg apparenti mal-intimat D E F G H I (Dok. “B” hawn unit).

Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

Illi l-esponenti saret taf lill-intimat xi sena qabel izzewgu. Huwa kien jahdem fix-xoghol tal-kisi. Huwa talabha biex tizzewgu u l-esponenti accettat ghax kien weghedha li ser jighnha finanzjarjament. Wara z-zwieg qatt ma ghexu flimkien. Kien ghamH habta jcempH kull sitta jew seba’ xhur, u mbaghad qata’ ghal kollox.

Illi l-esponenti ma tafx fejn hu zewgha. Kienet marret ticcekkja Kastilja fejn qalulha illi kellha tapplika ghall-annullament sabiex jekk jirritorna lura Malta jkunu jistghu ikeccuh.

Illi ghalhekk dan iz-zwieg kien null u bla effett “ab initio” ghat-tenur tal-Artikolu 19(1) tal-Att dwar iz-Zwieg tas-sena 1975, kif emendat [Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta].

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti ta’ bejn il-kontendenti ccelebrat fil-15 ta’ April 1997 kien null u bla ebda effett “ab initio” minhabba d-difetti, jew xi wahda minnhom, a tenur tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg tal-1975, kif emendat [Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta].

Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni fir-rigward.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-Rikors prezentat kontestwalment ghan-nomina ta’ kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti intimat kontra l-istess intimat minn issa ingunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tad-19 ta’ Novembru 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi biex jirraprezentaw lill-assenti D E F G H I.

Rat ir-risposta guramentata tal-fuq imsemmija kuraturi li eccepew permezz taghha:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Jirrizulta mill-ftit provi prodotti illi l-partijiet, il-mara hija Maltija u r-ragel Egizzjan izzewgu fl-1997 meta l-mara kienet tqila minn xi hadd iehor. Kienet tghix fir-residenza "Merhba Bik" ghax il-genituri taghha kienu keccewha mid-dar. L-Egizzjan kien offra li jghinha finanzjarjament u, fl-istat difficilismu li kienet tinsab fih, apprezzat il-gentilezza tieghu. Il-koppja qatt ma ghexu flimkien. Ir-rikorrenti qatt ma saret taf fejn jghix f'Malta. Telaq minn Malta habta u sabta u qatt aktar ma semghet b'ahbaru tul dawn is-snin kollha.

Permezz ta' din il-kawza hija qed titlob lill-Qorti tiddikjara li z-zwieg bejniethom huwa null a tenur tal-Art. 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255.

It-tieni sub-inciz fuq imsemmi, u cioe' l-Art. 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg jigi dikjarat null.

"*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

Fil-kawza "**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002), gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi*

*parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Fid-dawl ta' dan il-principju, konsistentement ritenut minn dawn il-Qrati, il-fatti ta' dan iz-zwieg wasslu lill-Qorti tqis li z-zwieg kien fil-fatt eskluz. Ma kien hemm f'mohh iz-zewg partijiet ebda intenzjoni li jiffurmaw dik l-ghaqda ta' hajja u mhabba li tikkostitwixxi zwieg. Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti fiz-zmien taz-zwieg kienet tali li tirrendi s-sitwazzjoni simili ghal dak komunement maghruf bhala z-zwieg ta' konvenjenza (ara ukoll "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**" [deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-16 ta' Jannar, 1998] u "**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe** [deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999].

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn A B C u D E F G H I fil-15 ta' April 1997 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------